# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 190/97

Charles Calleja

vs

Rettur ta' l-Universita`

Illum 24 ta' April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz ghall-habta ta' 1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma giex moghti l-promozzjoni li tixraqlu dik ta' "Associate Professor" promozzjoni li ghaliha huwa kien wkoll applika fl-1988 u 1990 f'liema zmien huwa wkoll gie diskriminat u li allura sofra ingustizzja.

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn:

Li r-rikorrent ghandu karriera twila ta' taghlim sa mill-1971 u li fl-1974 huwa kien ounder member" tal-Fakulta` ta' l-Edukazzjoni u li fl-1978 huwa gie mahtur senior lecturer ghalkemm huwa ilu snin jservi bhala l-Kap tad-Dipartiment ta' l-Arti u Lingwi fl-Edukazzjoni fil-fakulta` ta' l-Edukazzjoni fl-Universita' ta' Malta.

Illi meta hargu l-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Associate Professorship, hamsa mill-"Juniors" tar-rikorrent hadu din il-promozzjoni kemm fl-1988, 1990 u sahansitra fl-1992 u r-rikorrent baqa' barra allavolja kien hemm min ma kellux l-pussess tad-Degree ta' Masters bhal ma ghandu r-rikorrent.

Illi r-rikorrent qatt ma gie msejjah biex jidher fl-interviewing board u dan sar hekk b'diskriminazzjoni politika l'iktar peress li l-epsonent fl-1981 fl-Imnarja, ma hax sehem fl-istrike, u wkoll fl-1986/1987 ma kienx iffirma dikjarazzjoni ta' l-ex Rettur Professur Serracino Inglott dwar il-kaz ta' Pietru Pawl Busuttil.

Illi minghajr ebda dubbju, ir-rikorrent gawda l-aqwa rekord fit-taghlim u l-amministrazzjoni tad-Dipartiment bhala Kap tad-Dipartiment tul dawn l-ahhar ghaxar snin;

Illi ghalhekk huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fir-rikors biex bihom jipprova l-fatti tal-kaz.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ir-rikorrent jigi moghti l-Associate Professorship sa mill-1988 u jinghata b'lura dik il-parti ta' salarju li ntilfet b'lura, u jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, jigi ordnat lilu li jithallas dak il-kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tar-Rettur tal-Universita' li eccepixxa illi l-initmat jopponi ruhu ghat-talba ta' Charles Calleja kif kontenuta fir-rikors tieghu fuq imsemmi u dan billi ma giet mill-Universita` kommessa mieghu l-ebda ingustizzja jew diskriminazzjoni.

Illi ghalkemm huwa minnu li Charles Calleja applika ghall-promozzjoni kif jghid fir-rikors tieghu fil-fatt l-applikazzjoni tieghu giet processata bil-mod normali kif gew processati kull applikazzjoni ohra u l-awtoritajiet Universitarji regolarment kostitwiti wara li segwew il-proceduri kollha rikjesti fil-ligi kienu waslu ghad-decizjoni li dik il-promozzjoni ma kellix tinghata kif kienet giet mitluba. Illi utili li wiehed jinnota li f'kaz ta' promozzjonijiet ghall-kariga ta' professuri l-prassi li ssegwi l-Universita' hija li tiehu l-parir ta' nies li ghandhom r-reputazzjoni taghhom fil-kamp in kwistjoni stabbilita

biex dawn jaghtuha opinjoni dwar dak li jkun qed jigi sottomess mill-applikant.  Dawn ikunu nies indipendenti mir-referees li jkun issottometta l-istess applikant.

Ghaldaqstant l-intimat issottometta li t-talba tar-rikorrent ma hix gustifikata.

Issottometta wkoll li fi kwalsiasi kaz it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji ma jistax jaghti kariga ta'  professur billi l-ghoti ta' din il-kariga hija reservata mill-ligi lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Universita`.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Ir-rikorrent xehed li ilu assocjat ma' l-Universita` mill-1971 fis-sens li  fl-1971 kien fil-New University.  Ippreciza li bejn l-1972 u l-1978 kien kont fil-Faculty of Education bhala lecturer.  Kien lecturer fl-

MCAST. Bejn l-1975 u l-1984 Mill-1988 sa Ottubru 1997 kien Head of Department tal-Arts and Languages Education li hija division tal-Fakulta` tal-Edukazzjoni. Semma li fl-1967 ha il-bacellerat tal-Arti Honours fl-Ingliz - first class honours u b` external examiner Ingliz. Fl-1972 ha il-Mastership in education fl-Universita` ta` Alberta.

Kien senior lecturer fl-universita` mill-1978 sallum. Applika ghall-post ta` associate professor fl-1988, 1990 u fl-1992 u cioe` mill-kariga ta` senior lecturer ghall-kariga ta` Associate professor. F'kull wahda minn dawn l-okkazjonijiet ircieva li l-applikazzjoni tieghu giet mistharrga pero` ma gietx accettata. Qatt ma gie mistoqsi biex imur ghal intervista. Applika ghall-kariga ta` Associate Professor fil-metodologija tal-istudju tal-Ingliz. M` hemmx persuni ohra l-universita` li ghandhom kwalifiki f` dan is-suggett u l-esperjenza li ghandu hu. Innomina tliet referees. Wiehed minnhom kien barrani li kien jghallmu fl-Universita` ta` Alberta, Professor Burton. Ma jafx x` qalu fuqu r-referees tieghu.

Illi r-rikorrent iprezenta affidavit fejn semma li qatt ma talab promozzjoni ghall-grad ta' "full professor". Sostna li fil-kriterji li ntuzaw kien hemm inkonsistenzi fl-ghazla ghall-promozzjonijiet. Qal li l-kriterji tal-ghazla li kien jaghmel il-Bord dejjem iddominat mill-ex Rettur Prof. Peter Serracino Inglott qatt ma setghu jigu maghrufa sewwa mill-applikanti fosthom ir-rikorrent. Fil-kazi tal-promozzjonijiet mill-grad ta' Senior Lecturers ghall-Associate Professors kemm ta' Anthony P. Calleja u ta' Dennis Cuschieri (illum

irtirat bhala Associate Professor) anqas biss ma kellu “Mastership” bhala kwalifika ta’ livell post graduat. Hu kien gie imlahhaq Senior Lecturer qablu precizamet f’Novembru tal-1978 mill-Kunsill tan-New University u qabel wkoll il-kollega l-iehor tieghu, illum mejjet, Anthony P. Calleja. Dak iz-zmien kien is-SENIOR bhala Senior Lecturer taghhom it-tnejn u ta’ l-ohrajn kollha. B’dana kollu l-Bord ta’ dak iz-zmien iddecieda li arbitrarjament ihallih barra. B’dana kollu l-Bord ta’ dak iz-zmien iddecieda li arbitrarjament ihallini barra. Meta kien ikkonfronta lir-Rettur ta’ dak iz-zmien Prof. Peter Serracino Inglott fil-laqgha li saret sussegwentement dan tah l-impressjoni li l-aktar kriterji validu li l-Bord zamm quddiem ghajnejh dak iz-zmien kien dak ta’ l-eta’ matura taz-zewg applikanti: ghax it-tnejn kienu wasslu ghall-eta` li jirtiraw.

Zewg kollegi ohra li nghataw l-grad ta’ Associate Professorship minghajr Ph.D. kien Frank J. Ventura (fl-istess Fakulta’ tieghu, dik ta’ l-Edukazzjoni) u Peter Paul Farrugia (Inginerija). Saru wkoll tliet ohra ilkoll hbieb personali ta’ l-ex Rettur fil-Mediterranean Institute: il-perit Richard England, Mro Joe Vella u Mro. Charles Camilleri. Tnejn ohra - f’kazi aktar sfaccati - saru full Professors minghajr kwalifiki ta’ Dottorat jew xi grad iehor ta’ sinjifikat postgraduate: precizament dawn kienu: Joe Tonna (Arkitettura) u Anthony Serracino Inglott (Farmacija) - dan ta’ l-ahhar jigi hu l-ex Rettur. F’dawn il-kaz kollha l-kriterji li ntuzaw kienu elastici hafna” fil-fatt kienu jvarjaw minn hbiberija akkademika sa rabta ta’ l-istess demm familjari. Sostna li fi kwalunkwe kaz il-kriterju kostanti li donnu kien

jidher car li nzamm, barra dak tal-*"Ad hominem"* kien li hadd minnhom ma kellu xi simpatija specjali ma l-amministrazzjoni Laburista ta' qabel l-1987 u li hadd minnhom ma kien astjena milli jiehu parti fl-istrajk fl-Imnarja tal-1981 u li kollha kienu ffirmaw dikjarazzjoni li kienu 'moralment konvinti li Pietru Pawl Busuttil ma kienx hati."  Din l-inizjattiva ta' l-ahhar kienet immanuvrata kollha kemm hi mill-ex-Rettur Prof. Peter Serracino Inglott.

Sostna ghalhekk li l-kriterju wzati daqqa kienu dawk ta' l-eta', drabi ohra s-simpatija politiku u/jew parenetla mill-qrib u drabi ohra xi kriterji misterjuzi. Fil-11 ta' Dicembru tal-1990 ghat-tielet darba ir-rikorrent applika ghall-grad ta' Associate Professorship. Semma li mill-1988 sa Awissu ta' 1997 aktar minn 9 snin shah dejjem intghazel bhala Kap tad-Dipartiment ta' l-Arti u l-Lingwi fl-Edukazzjoni (D.A.L.E.) fi hdan il-Fakulta`.

Zied li fit-tmeninijiet ir-Ricerka fil-Pedagogija u l-metodologija fit-Taghlim ta' l-Ingliz, specjalment dak tal-Qari u l-Letteratura kienet ghadha fil-bidu taghha f'Malta u hadd dak iz-zmien ma kien ikkwalifikat daqsu bil-Master of Education fis-suggett mill-Universita' ta' Alberta (Kanada) u hadd ma kellu grad ta' Dottorat fis-suggett fil-livell terzjarju (Universitarju). Sostna li l-Bord tal-Ghazla dak iz-zmien u sussegwentement deherlu li ghandu jaghzel kandidati li gew mahtura Associate Professors u sahansitra Full Professors li mhux biss ma kienux ghamlu "ammont sufficjenti ta' ricerka awtorevoli" imma xi whud anqas biss ma kellhom

*postgraduate qualifications".* Ta min jinnota wkoll li kien fl-1983 li l-ewwel membru tal-istaff tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni thalla jmur l-Ingilterra biex jaghmel "Research Degree" ghall-Ph.D. Dan kien precizament Charles J. Farrugia li dak iz-zmien qabel ma mar jirricerka ghad-dottorat kien diga imlahhaq Professur. Kien hemm ohrajn li mhux biss ma kellhomx pubblikazzjonijiet, izda lanqas xi hjiel ta' "postgraduate degree" u xorta wahda lahqu Associate Professors.

Semma li ghal dawn l-ahhar tletin sena hu hadem taht l-ex Dekani: Il-Prof. Charles J. Farrugia, il-Profs Kenneth Wain, Dr. Ronald Sultana u d-Dekan kurrenti Dr. Mark Borg. B'riferenza ghal dak li xehed il-Prof Ellul Micallef dwar li lir-rikorrent ma kienetx tisthoqqlu l-promozzjoni minn Senior Lecturer ghal dik ta' Associate Professor ghax skond ma allegatament qalulu ma kienx ta' kalibru akkademiku sodisfacenti ghal din il-kariga, u qal li dawn jafu kemm r-rikorrent kien habrieki meta twaqqfet il-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni fiz-zmienijiet l-aktar difficli tas-sebghinijiet. Esebixxa ir-rakkomandazzjonijiet li kien ghamel lilu dan l-istess ex-dekan – il-Prof Ch Farrugia meta gie biex jintghazel ghall-Konferenza Prestiggjuza tas-Salzburg Seminar dwar l-Edukazzjoni Gholja.

<u>Il-Professur Frank Ventura</u> xehed li ghandu l-kariga ta` Associate Professor u ilu f` din il-kariga mill-1995. Dak iz-zmien kien Rettur il-Professur Peter Serracino Inglott. Hu degrees li ghandu huma l-B.Sc. ta` Malta, M. Phil ta` Reading u Diploma in Science Education

ta` Reading. Dwar l-sitrajk li kien sar fl-1986 - 1987 kien ha sehem fih. Dwar dikjarazzjoni jew cirkolari li kienet saret b` mod ta` solidarjeta` ma' Pietru Pawl Busuttil fil-kaz tieghu kien iffirmaha. Dwar pubblikazzjonijiet ppubblikat tliet kotba, kapitoli f` kotba kif ukoll papers f` gurnali. Kien applika ukoll fl-1989 biex jiehu l-kariga ta` Associate Professor pero` ma hadiex u hadtha fl-1995.

Il-Prof. Dennis Cuschieri xehed li kellu l-kariga ta` Associate Professor fil-pedakogija u lehaq fl-1988. Bhala kwalifiki ghandu B.A. Hon. u Diploma Education ta` Londra. Kiteb diversi artikoli pero` mhux kotba. Giet esibita kopja tal-gazzetta li tiddikjara li Pietru Pawl Busuttil hu innocenti.

Il-Prof. Rev. Peter Serracino Inglott xehed li kien Rettur tal-Universita` l-ewwel bejn l-1987 u l-1988, imbaghad kien dahal il-Professur Borg Costanzi u mbaghad reggha kien bejn l-1991 u l-1996. Semma li lir-rikorrent jafu sewwa. Hu kien head tad-Dipartiment tal-Arts and Languages fil-fakulta' tal-Edukazzjoni. Semma li r-rapporti tieghu mar-rikorrent kienu dejjem tajbin hafna, u qatt ma kellu problemi mieghu. Hu kien anke jiehu l-inizjattivi. Jaf li applika minn grad ta` senior lecturer biex jigi elevat ghall-grad ta` Associate Professor kemm fl-1988 kif ukoll fl-1992.

Ir-raguni principali hija li globalment ma kellux il-kwantita` u l-kwalita` ta` publications necessarji biex wiehed jilhaq ghal Associate Professor. L-Universita` f` kazijiet bhal dawn ikollha numru ta`

referees u timxi hafna fuq il-pariri taghhom. Hu essenzjali l-element ta` kunfidenzjalita` f` dawn it-tip ta` rapporti ta` referees ghax jekk tispicca tinkiser il-kunfidenzjalita` jispiccaw ir-rapporti. Semma li infatti fl-ahhar snin li kien Rettur kien anke ta struzzjonijiet biex dawn jigu distrutti. Id-decizjonijiet jittiehdu mhux mir-referees izda mis-selection board pero` s-selection board jaghti hafna importanza lill-kummenti tar-referees.

Wiehed irid jinduna anke l-mod kif ikunu miktubin dawn ir-rapporti u xehed "infatti nista` naghti ezempju jekk per ezempju fuq muzika ghandek sopran qieghda tkanta wiehed jikkumenta fuq il-libsa minnfolk fuq il-vuci u ghalhekk tista` tfisser hafna. Mistoqsi jekk qattx kien hemm xi kaz li r-rakkomandazzjonijiet tar-referees kienu pozittivi u s-selection board xorta wahda ha decizjoni opposta jidhirli li kien hemm xi kazijiet ta` din in-natura u dan fis-sens li jkun hemm affarijiet li ma jaqghux fil-perview tar-referee.

Jiena naf li s-Sur Calleja huwa gradwat u ghandu Masters bid-distinction fl-edukazzjoni. Inzid nghid li hafna zmien wara li s-Sur Calleja kien gie appuntat lecturer fl-Universita` konna hadna decizjoni li biex issir lecturer irid ikollok dottorat, haga li s-Sur Calleja m` ghandux. Ghalhekk inzid nghid li fil-kaz tas-Sur Calleja ma konniex qisna b` mod dirett il-fatt li m` ghandux id-dottorat bhala haga li tipprekludih milli jsir Associate Professor pero` naturalment il-fatt li inti jkollok dottorat jinkludi li inti jkollok pubblikazzjoni ta`

spiss u li ghalhekk tista` sservi bhala wahda mill-elementi necessarji biex bniedem isir Associate Professor.

Mistoqsi jekk fil-kaz ta` Dennis Cuschieri, jekk dan kellux publications jew le u meta kien inghata l-grad ta` Associate Professor nirrispondi li dan kien kaz differenti. Din kienet l-ewwel sena li jiena kont ir-Rettur tal-Universita`. F` dik l-okkazjoni f` dik is-sena konna ddecidejna li dawk in-nies li kienu jkunu ser jirtiraw kif kien il-kaz ta` Dennis Cuschieri, bhala golden handshake ossija bhala rikonoxximent tal-attivita` li jkunu ghamlu fl-universita`, wiehed jaghtihom dik il-promozzjoni u jaghtihom il-grad ta` Associate Professor. Din il-policy ma twwetqitx aktar is-sena ta` wara meta kien hemm haddiehor li kien qieghed jokkupa l-kariga ta` rettur tal-universita` u l-policy kienet giet inwaqqfa.

Tony Calleja kien nghata l-istess trattament u kien gie moghti l-grad ta` Associate Professor ghall-istess motivi pero` jidhirli li kienet fl-istess sena ghalkemm qieghed jigi suggerit lili li ma kenitx fl-istess sena u nghid li m` inix cert dwar dan 100%.

Veru li fil-fatt jiena kont ippubllikajt ghall-habta tal-1987 dikjarazzjoni fuq gazzetta li kont nemmen fil-kaz ta` Pietru Pawl Busuttil li kien innocenti. Fil-fatt jiena dak iz-zmien ma kontx rettur tal-universita`. In segwitu li ghamilt dik id-dikjarazzjoni kien hemm dikjarazzjonijiet simili ta` nies ohra li kienu ssottoskrivew l-istess dikjarazzjoni. Kien hemm xi whud minn dawn li kienu lecturers fl-

universita`. Il-fatt li Charles Calleja ma kienx ghamel din id-dikjarazzjoni ma kontx innutajtha u kieku mhux qieghed nigi nfurmat mill-konsulent legali tieghu issa anqas biss kont indunajt biha."

Hu kien fis-selection Board dwar ir-rikorrent u qal li d-decizjoni kienet bazata fuq il-fatt li ma kellux pubblikazzjonjiet bizzejjed u ta` kwalita` bizzejjed. Ikkonferma li ma kienx hemm konsiderazzjonijiet ohra. Kienu taw importanza l-fatt li hu kien jahdem b` mod tajjeb fid-dipartiment u kien pozittiv f` dan l-aspett.

Il-Professur Roger Ellul Micallef xehed li ghandu l-kariga ta` Rettur ta` l-Universita` u ilu f` din il-kariga ghal erba' snin. Fiz-zmien li l-applikazzjoni tas-Sur Calleja giet quddiem il-promotions board, ic-chairman tal-promotions board ma kienx hu, pero' kien membru tal-bord. L-applikazzjoni tas-Sur Calleja giet trattata identikament bhal kull applikazzjoni ohra, u kienet ukoll decizjoni unanima tal-bord li s-Sur Calleja ma kienx jisthoqqlu jigi promoss. Semma li ppruvaw jirrintraccaw ir-referenzi u ghadhom qeghdin ifittxu izda ma sabux r-referenzi tas-Sur Calleja. Hemm possibbilta` ohra li dawn ikunu gew distrutti. Jigu distrutti biss meta r-referenzi jkunu ta` natura negattiva u allura ma jkunx fl-interess ta` l-istess individwu li dawn jibqghu jkunu available. Naturalment ir-referenzi li jingabu jiffurmaw parti biss mill-process totali tal-assessment ta` l-individwu ghax naturalment l-individwu puts forward referees li hu jkollu kuntatti maghhom, li jahseb li ser jaghtuh rapport favorevoli. Ma ftakarx x` kienu r-ragunijiet ghaliex id-decizjoni ttiehdet fin-negattiv. Ftakar li wahda mill-aktar affarijiet essenzjali li kellhom bzonn mis-Sur

Calleja kienu dak li jghidulu refereed act, numru ta` pubblikazzjonijiet li hu kien nieqes minnhom ukoll, pero` kien hemm ukoll numru ta`, ghaliex referenzi ma jingabrux biss minghand dawk it-tnejn minn nies li jindikalek il-kandidat li tmur tistaqsi, imma anke from within the faculty kien hemm opinjonijiet totalment fin-negattiv minn numru ta` dekani tal-fakulta`.

Semma li reggha kellem numru minn dawn id-dekani u r-risposti ta` l-ahhar kienu bicciet minnhom, "it would not have sent the right message if he were to be promoted." U ohra, "give the promotion it would have demoralised the other hard working members of staff." It-tielet wiehed, "definitely doesn` t deserve it. Sending out wrong message." Dawn kienu minn tliet dekani separati li tahthom hadem is-Sur Calleja.

Zied jghid: "Huwa veru li meta saret l-applikazzjoni tar-rikorrent in kwistjoni li dwarha sar l-ilment, id-dekan kien il-Professur Charles Farrugia. Propju l-ahhar kumment li jiena semmejt kien tal-Professur Charles Farrugia. Il-Prof. Charles Farrugia kkonfermali ricentement dan il- kliem. Inzid u nispecifika li dalghodu stess qabel ma gejt. Nghid li dwar ir-referenzi meta jkunu pozittivi, dawn qatt ma jigu destroyed. Inzid nghid li l-overall assessment mhux hinged biss fuq zewg references li jigu minn barra, li jkunu indikati mill-kandidat stess, li normalment wiehed jassumi li jkunu hbieb tal-kandidat, imma tkun an overall assessment ta` dak kollu li jkun ghamel l-applikant tul numru ta` snin u fuq pariri li wiehed ikun ha mill-heads u mid-deans."

**KONKLUZJONIJIET**

Ir-rikorrent ilmenta li ma giex moghti l-hatra ta’ ta’ Associate Professor fl-1988 u snin sussegwenti peress li fil-fehma tieghu meta applika kien haqqu. Dan hu bazat fuq l-Att XXIV tal-1988 l-Att biex biex jikkonsolida u jirriforma l-ligi dwar l-Edukazzjoni ta’ Malta. It-Taqsima V titkellem dwar L-Universita tal-istudji ta’ Malta u fl-artikolu 26(f) fost il-poteri hemm “li tistitwixxi karigi akkademici u xort’ohra kif mehtieg minn zmien ghal zmien u tahtar persuni ghal dawk il-karigi”.

Fost l-eccezzjonijiet moghtija mill-intimat hemm li:
it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji ma jistax jaghti kariga ta’ professur billi l-ghoti ta’ din il-kariga hija reservata mill-ligi lill-awtoritajiet kompetenti ta’ l-Universita`;
billi ma giet mill-Universita’ kommessa mieghu l-ebda ingustizzja jew diskriminazzjoni billi li wara li giet segwita il-procedura kollha rikjesta fil-ligi il-Bord kienu wasal ghad-decizjoni li dik il-promozzjoni ma kellix tinghata kif kienet giet mitluba, u li t-talba tar-rikorrent ma hix gustifikata.

***Kompetenza tat-Tribunal***

Dan it-Tribunal sejjer jikkwota minn sentenza ohra moghtija minnu fit-12 ta’ Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet Dr Joseph Eynaud vs Rettur tal-Universita’ et fejn intqal:

"Ikkunsidra illi wahda mill-eccezzjonijiet tar-Rettur ta' l-Universita' hija li t-Tribunal ma hux legalment kompetenti biex jaghti l-promozzjonijiet mitluba. Hu jsostni li l-kwistjoni dwar promozzjonijiet fl-Universita' hija regolata bil-ligi li tispecifika kif ghandhom jinghataw dawn il-promozzjonijiet. Isostni li l-organi kompetenti li jaghtu promozzjonijiet huma dawk stabbiliti tassattivament skond l-Att dwar l-Edukazzjoni. Jinsisti li hemm statuti precizi ta' l-Universita' pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern u li jikkostitwixxu ligi billi maghmula a tenur ta' l-istess Att li jirregolaw il-procedura u l-ghoti ta' promozzjonijiet fl-Universita'. Hu jsemmi l-promotions board u l-Kunsill ta' l-Universita' u jsostni li promozzjoni ma tistax tinghata b'mod iehor.

Dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni u jichad din l-eccezzjoni ghal motivi segwenti. Fl-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fl-artikolu 6 (1) tieghu jinghad "It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin…

Li kieku l-legislatur ried li l-uniku rimedju kien ikun dak imsemmi fl-artikolu 7 (9) (d) [ meta ma jkunx possibli li t-Tribunal jordna

rimedju kompensattiv ] u ghalhekk jirrikmanda hlas ta' kumpens kien jhalli barra l-artikolu 7 (9) (c ) li jipprovdi ghar-rakkomandazzjoni ta' rimedju kompensattiv. Dan ifisser li kull fejn it-Tribunal isib ilment gustifikat ghandu l-ewwel jipprovdi ghal rimedju kompensattiv u jekk dan ma jkunx possibli ghandu jirrikmanda li jsir l-hlas ta' kumpens.

L-argument ta' l-intimat li dwar promozzjonijiet fl-Universita' l-posizzjoni hi regolata b'ligi, dan kieku japplika ghall-promozzjonijiet kollha kemm dawk fl-Armata, kemm mal-Pulizija, kemm fis-servizz civili u ohrajn kif ukoll dwar permessi fuq il-bini, u ghoti ta' licenzi. Infatti fejn il-ligi riedet teskludi l-applikazzjoni ta' l-Att dan ghamlitu permezz ta' l-artikolu 5 (3) u l-Ewwel Skeda ta' l-Att. Ukoll kwistjonijiet li ma jistghux jigu investigati huma imsemmija fl-Ewwel Skeda Taqsima C. Imkien la f'kaz u lanqas fl-iehor ma tissemma l-Universita'.

Interpretazzjoni ohra ta' l-Att tirrendi l-istess Att bhala Att li qieghed hemm biss biex jaghti kumpens finanzjarju. Naturalment hemm kazijiet fejn ir-rimedju kumpensattiv ma jistax jinghata bhal fil-kaz ta' talba ghall-promozzjoni jew biex persuna terga tokkupa post u sadanittant tkun ghalqet l-eta' biex tirtira. Hemm bil-fors r-rimedju ghandu jkun ta' hlas ta' kumpens. Izda jibqa' dejjem li fejn ilment ikun gustifikat, fejn hu possibli, r-rimedju ghandu jkun r-rimedju kumpensattiv.

Li jista' jinghad fil-kaz ta' persuna li tghallem l-Universita' li l-kriterji biex ilment jigi ippruvat gustifikat huma aktar stringenti minn hafna mill-kazijiet l-ohra minhabba dak li semma l-intimat fir-risposta tieghu." Ghalhekk jichad din l-eccezjoni ta' l-initimat.

***Ma gietx kommessa mill-Universita' ebda ingustizzja jew diskriminazzjoni***

Ir-rikorrent irid jipprova li garrab ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att. Fi ftit kliem irid jipprova ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita. Dan hu kriterju ferm differenti minn semplicement elementi positivi ta' hidma u intelligenza tar-rikorrent. It-Tribunal ghandu l-obbligu jara jekk saritx ingustizzja kawza ta' l-elementi imsemmija.

It-Tribunal kellu l-okkazzjoni li jisma' dwar l-kwalifiki u l-impenn tar-rikorrent. Irrizulta li r-rikorrent applika u ssottometta l-ismijiet ta' referees. Irrizulta li r-rikorrent hu bniedem kapaci u ta' kwalitajiet posittivi. Issemma li hu habrieki. Il-Bord nominat apposta kien jiltaqa', ezamina l-pubblikazzjonijiet tieghu u x'qalu r-referees, u l-kontributi tieghu, ifforma l-gudizzju tieghu, u wasal ghall-konkluzzjoni li ma jaghtix il-grad ta' Associate Professor lir-rikorrent. Dan wasal ghalih wara li qis l-istima tieghu minn specjalisti ohrajn, il-kontribut originali lis-suggett, valutazzjoni ta' l-originalita' tal-kontribut.

Ir-rikorrent semma li ma jafx x'qalu fuqu r-referees. Sostna li kien hemm minn kien anqas kwalifikat minnu u lehaq Associate Professor. Fil-kors tal-kawza semma lil Dennis Cuschieri, Anthony Calleja, Charles Ventura, Peter Paul Farrugia (Inginerija), il-perit Richard England, Mro Joe Vella u Mro. Charles Camilleri, Joe Tonna (Arkitettura) u Anthony Serracino Inglott (Farmacija). Semma li l-kriterji kienu elastici hafna u kienu jvarjaw minn hbiberija akkademika sa rabta ta' l-istess demm familjari.

Izda ghalkemm semma lil dawn kollha fil-fatt fil-kors tal-kawza pproduca lil Dennis Cuschieri u Charles Ventura biss. Irrizulta li dawn ma kellhomx kwalifiki superjuri ghalih. Skond ir-Rettur il-Prof Peter Serracino Inglott l-kazijiet ta' Dennis Cuschieri u Anthony Calleja dawn gew appuntati ghaliex kien gie deciz mill-promotions Board li min kien se jirtira fi zmien sena u jkollu record tajjeb ta' esperjenza jinghata l-promotion. Izda wara gie deciz li dik il-policy ma kellix tibqa' applikabbli.

Il-Professur Serracino Inglott mistoqsi dwar il-kaz ta' Frank Ventura spjega li dan inghata l-grad minhabba l-kwalita' tal-pubblikazzjonijiet tieghu u l-opinjonijiet li gew espressi minn esperti barranin li kienu tant eccezzjonalment gholja li kawza taghhom iddecidew li jaghtuh il-promotion.

Dwar ir-rikorrent r-raguni principali li ma lehaqx Associate Professor kienet li globalment ma kellux il-kwantita` u l-kwalita` ta` publications necessarji biex wiehed jilhaq ghal Associate Professor. L-Universita` f` kazijiet bhal dawn ikollha numru ta` referees u timxi hafna fuq il-pariri taghhom.

Il-Professur Roger Ellul Micallef semma li d-decizzjoni dwar ir-rikorrent kienet wahda unanima. Semma li dwar ir-rikorrent kien hemm il-problema tal-pubblikazzjonijiet li hu kien nieqes minnhom. Zied li fl-ideja tad-dekani r-rikorrent ma kienx haqqu jinghata din il-kariga.

Hawnhekk it-Tribunal bilfors li kellu jirrifletti dwar dak li intqal fuq ir-referees. Dak li jiktbu dawn huma kunfidenzjali. It-Tribunal jifhem l-iskop ta' dan ghax altrimenti r-referees ma jkunux disposti li forsi jghidu l-verita' kollha li hu necessarju biex il-Bord ikun jista' jasal ghad-decizzjoni tajba. Izda minn-naha l-ohra hemm bzonn ta' trasparenza biz-zejjed biex wiehed ikun konvint li kollox hu above board. Peress li l-affarijiet isiru kif isiru jidhlu s-suspetti. Wara kollox anke gudikant jkollu jghid dak li jemmen fih ghalkemm spiss mhix xi haga pjacevoli. Bl-istess mod ghandhom ir-referess jesprimu dak li jemmnu u jgorru l-piz ta' tali decizzjoni. Izda dan zgur ma jistax jitqies li sar biss fil-konfront tar-rikorrent biss ghax hu parti minn sistema, u ghalhekk ma jistax jammonta ghal ingustizzja fit-termini tal-Kap 394.

Issa meta r-rikorrent ma inghatax il-kariga ta' Professur jew Associate Professor sar dak li jsemmi l-Artikolu 6 ta' l-Att VIII tal-1997 - ingustizzja b' konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita? Fil-fehma tat-Tribunal dan ma giex ippruvat. Il-provi li gab ir-rikorrent kienu jirriflettu l-kapacitajiet tieghu, izda r-rikorrent ma gabx ebda prova li saret xi haga li mhux suppost jew li l-Bord ghamel xi diskriminazzjoni jew distinzjoni indebita. Ma giex ippruvat li l-Bord mexa b'xi mod irregolari. Li irrizulta kien li l-Bord tal-Promozzjonijiet wara li ghamel l-istharrig necessarju u qis ix-xoghol tar-rikorrent ma hassx li ghandu jaghtih l-grad li applika ghalih. F'kaz ta' Professur jew Associate Professor [u fil-karigi gholja] it-Tribunal ma jhossx li hu applikabbli dak li jekk sar xi hadd li ma haqqux ghalhekk ghandhom isiru l-ohrajn kollha li kienu ahjar minnu.

Dan b'ebda mod ma ghandu jitqies li t-Tribunal ma jqisx lir-rikorrent ta' elevatura qawwija, izda fl-istess hin dan it-Tribunal irid bil-fors jimxi mat-termini tal-ligi u f'dan il-kaz il-prova ta' l-ingustizzja ma saritx.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat li ma gietx kommessa mill-Universita` ebda ingustizzja jew diskriminazzjoni kontra r-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.